A.L. 355 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolament ta' l-2003 li Jistabbilixxi l-Prinċipji li Jirregolaw l-Organiżżazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Kommunita minn pajjiżi terzi minn postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ġewwa t-teritorju ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-reolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolament ta' l-2003 li Jistabbilixxi l-Prinċipji li Jirregolaw l-Organiżżazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Kommunita minn pajjiżi terzi minn postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ġewwa t-territorju ta' Malta.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/496/EEC dwar il-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' verifiki veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunita minn pajjiżi terzi u li temenda id-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/662/EEC, 90/425/EEC u 90/675/EEC.

(3) Verifiki veterinarji dwar annimali minn pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju ta' Malta għandhom jitwettqu mis-Servizz Veterinarju skond dan ir-regolament.

(4) Dan ir-regolament ma għandux japplika għal verifiki veterinarji fuq annimali domestiċi li jakkumpanjaw vjaġġaturi għal skopijiet mhux kummerċjali, ħlief għal *equidae*.

Tifsir

2. (1) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, għandhom japplikaw kif meħtieġ id-definizzjonijiet misjuba fl-artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC.

(2) B'żieda -

(a) "Impurtatur" tfisser kull persuna naturali jew legali li tippreżenta annimali għall-importazzjoni fit-territorju ta' Malta;

(b) "Kunsinna" tfisser kwantità ta' annimali ta' l-istess speċi, koperti bl-istess ċertifikat jew dokument veterinarju, imwassla bl-istess mezz ta' trasport u ġejjin mill-istess pajjiż terz jew l-istess parti ta' dan il-pajjiż;

(ċ) "Post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera" tfisser kull post ta' spezzjoni li tkun tinsab fil-viċinanza immedjata tal-fruntiera esterna tat-territorju ta' Malta u magħżul u approvat skond ir-regolament 6;

(d) "verifika dokumentarja" għandha tfisser verifika taċ-ċertifikati jew tad-dokumenti veterinarji li jakkumpanjaw xi annimal;

(e) "verifika fiżika" tfisser verifika fuq l-annimal inniffsu, possibilment li jinkludi t-teħid ta' kampjun u t-test tiegħu fil-laboratorju u, fejn ikun xieraq, verifiki addizzjonali matul il-kwarantina;

(f) "verifika ta' identità" tfisser verifikar permezz ta' spezzjoni viżiva biss, għall-konsistenza bejn id-dokumenti jew iċ-ċertifikati u l-annimali u għall-preżenza u l-konformità tal-marki li jridu jidhru fuq l-annimali;

Barra minn hekk, "sieħeb fil-kummerċ" kif imniżżel fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u għandu jfisser biss -

(i) Stat Membru tal-Kommunita Ewropeja;

(ii) Pajjiż terz għall-Kommunita Ewropeja;

fejn huwa rilevanti.

KAPITOLU I
Organiżżazzjoni u *follow-up* tal-verifiki

Regoli importanti

3. (1) Fit-territorju ta' Malta -

(a) L-impurtaturi huma obbligati li jagħtu ġurnata waħda tax-xogħol bħala notifika lill-ħaddiema veterinarji tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fejn se jkunu ppreżentati l-annimali, waqt li jispeċifikaw in-numru ta' l'annimali, in-natura u l-ħin kalkulat ta' meta ser jaslu l-annimali;

(b) L-annimali jitwasslu direttament, taħt superviżjoni uffiċjali, lejn is-sit ta' l-ispezzjoni riferita fir-regolament 6 jew, fejn ikun xieraq, lejn ċentru ta' kwarantina kif provdut fir-regolament 10 (1);

(ċ) L-annimali ma jistgħux jitilqu minn dan il-post jew ċentru sakemm, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċjali li għandhom ikunu adottati skond ir-

rekwiżiti tal-Komunita Ewropea u il-proċedura provduta fl-artikolu 16 (2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, ma tingħatax prova -

(i) fil-forma taċ-ċertifikat provdut fir-regolament 7 (1) (b) jew fir-regolament 8, li l-verifiki veterinarji twettqu fuq l-annimali in kwistjoni skond ir-regolament 4(1) u 2(a), (b) u (d) u r-regolamenti 8 u 9 għas-sodisfazzjon tas-Servizz Veterinarju;

(ii) li l-verifiki veterinarji jkunu tħallsu, u li, fejn ikun relevanti, ikun sar depożitu li jkopri kull nefqa provduta fir-regolament 10(1)(b) u (ċ), ir-regolament 10(6) u r-regolament 12 (2);

(d) L-awtorità tad-dwana ma tawtorizzax rilaxx għal ċirkulazzjoni ħielsa fit-territorju ta' Malta u fit-teritorji imniżżlafl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 97/78/EC sakemm, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom ikunu adottati skond regoli tal-Komunita Ewropea u adottati skond kif misjub fil-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, tingħata prova li jkunu ġew segwiti l-ħtiġiet f'(ċ).

(2) Regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati, skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) u (4) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Verifika ta' dokumenti u ta' l-identita fuq annimali ġejjin minn pajjiż terz

4. (1) Fit-territorju ta' Malta, irrispettivament mid-destinazzjoni doganali ta' l-annimali, kull kunsinna ta' annimali minn pajjiż terz, hi soġġetta mis-Servizz Veterinarju għal verifika tad-dokumenti u verifika ta' l-identità f'wieħed mill-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati għal dak l-iskop sabiex jivverifikaw -

(a) L-oriġini tagħhom;

(b) Id-destinazzjoni sussegwenti tagħhom, b'mod partikulari fil-każ ta' tranżitu jew fil-każ ta' annimali li l-kummerċ fihom ikun għad m'għandux livell tar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea jew li huma soġġetti għal ħtiġiet speċifiċi rikonoxxuti permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Komunita Ewropea dwar Stati Membri tad-destinazzjoni,;

(ċ) Li l-partikolaritajiet li jidhru fuq iċ-ċertifikati jew dokumenti jagħtu l-garanziji mitluba mir-regoli tal-Komunita Ewropea jew, fil-każ ta' annimali li l-kummerċ fihom ikun għadu ma ġiex soġġett għall-livell tar-regoli tal-Komunita Ewropea, il-garanziji meħtieġa taħt ir-regoli nazzjonali applikabbli f'każi varji koperti permezz ta' dawn ir-regolamenti;

(d) Li ma tkun ingħatat l-ebda indikazzjoni li l-kunsinna ma ġietx aċċettata wara li tkun intużat il-proċedura imniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/438/EEC;

(2) Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet skond ir-regolament 8, il-veterinarju uffiċjali għandu iwettaq verifika fiżika fuq annimali preżentati fis-sit ta' spezzjoni. Il-verifika trid issir wara referenza għall-informazzjoni li jkun irċieva skond is-sub-regolament (1)(d). Dik il-verifika trid tinkludi, b'mod partikolari -

(a) Eżami kliniku ta' l-annimali sabiex jiżgura li jikkonformaw ma' l-informazzjoni provduta fiċ-ċertifikat jew dokument li jakkumpanjahom u li huma klinikament b'saħħithom. Skond ir-rekwiżiti ta' l-Unjoni Ewropea u skond il-proċeudura stabbilita fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, tista' tingħata deroga mill-prinċipji ta' eżami kliniku individwali dwar ċerti kategoriji u speċi ta' annimali, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet u skond ir-regoli li għandhom ikunu stabbiliti taħt l-istess proċedura;

(b) Għandhom jitwettqu testijiet fil-laboratorju li jkunu meħtieġa jew li huma provduti bir-regoli tal-Komunità;

(ċ) Kampjuni uffiċjali possibbli għandhom ikunu eżaminati għall-residwi u analizzati mill-aktar fis possibbli;

(d) Verifika ta' konformità mal-ħtiġijiet tal-leġislazzjoni tal-Komunita Ewropea dwar il-protezzjoni ta' annimali matul il-ġarr. Għall-iskopijiet ta' verifika sussegwenti fuq it-trasport u, meta jkun xieraq, dwar konformità mal-ħtiġiet addizzjonali tal-fond ta' destinazzjoni, il-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandu jikkomunika l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni komputerizzata ANIMO.

Il-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jista' jkun assistit f'uħud minn dawn il-ħidmiet, minn ħaddiema kwalifikati b'taħriġ speċjali, li jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu.

(3) Madanakollu, fuq talba ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni, permezz ta' deroga mis-sub-regolamenti (1) u (2), għal annimali li jiddaħħlu f'port jew ajruport fit-territorju imniżżel fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta'l-Unjoni Ewropea 97/78/EC minn post ta-ispezzjoni fuq il-fruntiera fit-territorju ta' Malta, il-verifika ta' identità u l-verifika fiżika jistgħu jitwettqu f'dan il-port jew ajruport ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni, kemm-il darba dan il-port jew ajruport ikollu sit ta' spezzjoni veterinarja, u li l-annimali jkomplu l-vjaġġ tagħhom, skond il-każ, permezz tal-baħar jew bl-ajru bl-istess vapur jew ajruplan. F'dawn il-każijiet, is-Servizz Veterinarju ta' Malta li jkun wettaq il-verifika tad-dokumenti għandu jinforma lill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni, permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni komputerizzata ANIMO, li l-annimali jkunu għaddew minn hemm.

(4) L-ispejjeż kollha li jsiru minħabba l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, għandhom jitħallsu mill-kunsinnatarju, il-kunsinnatur u l-aġent tagħhom, mingħajr rimbors mill-Istat.

(5) Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, inkluż dawk relatati mat-taħriġ u l-kwalifiki ta' l-assistenti, għandhom ikunu adottati, skond il-ħtieġa, skond regoli tal-Komunita Ewropea u kif misjub taħt il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) u (4) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Dħul fit-teritorju ta' Malta li ħandu jkun projbit

5. Dħul fit-territorju mniżżel fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja 97/78/EC min postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tat-territorju ta' Malta għandu jkun projbit meta l-verifiki juru li-

(a) Annimali ta' speċi li dwarhom ir-regoli ta' importazzjoni ġew soġġetti għall-livell tal-Komunita Ewropea li jiġu, mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet speċjali provduti fl-artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/426/KEE dwar ċaqlieq u importazzjoni ta' *equidae*, minn territorju jew parti minn territorju ta' pajjiż terz mhux inkluż fil-listi mfassla bħar-regoli tal-Kommunita Ewropeja għall-ispeċi konċernati jew li l-importazzjonijiet minnhom huma projbiti skond deċiżjoni veterinarja;

(b) Annimali oħra, barra minn dawk riferiti f'(a), mhumiex konformi mal-ħtiġiet provduti fir-regoli nazzjonali li jikkorrispondu mal-każijiet varji koperti permezz ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) Annimali qed isofru minn jew huma suspettati li qed isofru minn jew huma infettati b'marda nfettiva jew marda li tippreżenta riskju għas-saħħa pubblika jew għas-saħħa ta' l-annimali, jew xi raġuni oħra provduta fil-leġislazzjoni veterinarja ta' l-Unjoni Ewropeja;

(d) Il-pajjiż terz li jesporta ma jkunx konformi mal-ħtiġijiet provduti fil-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunita Ewropea;

(e) Annimali li mhumiex fi stat tajjeb biex ikomplu l-vjaġġ tagħhom;

(f) Iċ-ċertifikat jew dokument veterinarju li jakkumpanja l-annimali ma jsegwix il-kundizzjonijiet imfassla skond il-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunita Ewropea.

Ir-regoli dettaljati biex ikun applikat dan ir-regolament għandu jkun adottat skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) u (4) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera

6. (1) Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament.

(2) Postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandhom -

(a) jinstabu f'port jew ajruport fit-territorju ta' Malta;

(b) jinstabu f'żona ta' dwana li tippermetti li jitwettqu l-formalitajiet amministrattivi, inklużi l-formalitajiet tad-dwana dwar l-importazzjoni,

(ċ) jkunu maħtura u approvati skond is-sub-regolamenti (3), (4) u (5);

(d) jitqiegħdu taħt l-awtorità ta' veterinarju uffiċjali, li għandu jkun effettivament responsabbli mill-verifiki. Il-veterinarju uffiċjali jista' jkun megħjun minn ħaddiema awżiljarji li jaħdmu taħt id-direzzjoni tiegħu li jkunu mħarrġa b'mod

speċjali. Il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li d-*data bases* indikati fir-regolament 4(1)(d) jkun segwit.

(3) Sabiex ikun approvat, post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fit-territorju ta' Malta jrid isegwi l-ħtiġijiet minimi mfassla fi Skeda A

Lista ta postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li jkunu jinstabu fit-teritorju ta' Malta għandhom ikunu stabiliti mis-Servizzi Veterinarji, u l-lista trid tinbgħat lill-Kummissjoni Ewropeja filwaqt li jipprovdi l-informazzjoni li ġejja -

(a) In-natura tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera -

(i) port,

(ii) ajruport;

(b) In-natura ta' l-annimali li jistgħu jkunu verifikati fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera in kwistjoni, kunsidrat it-tagħmir u l-ħaddiema veterinarji disponibbli, waqt li jkun indikat kull annimal li ma jistax ikun verifikat f'dawk il-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, u għal *equidae* reġistrati, il-ħinijiet li fihom jopera post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li jkun speċjalment approvat;

(ċ) Haddiema mmibgħuta biex iwettqu verifiki veterinarji -

(i) numru ta' veterinarji uffiċjali b'ta' l-anqas veterinarju uffiċjali wieħed li jkun xogħol fil-ħinijiet kollha li fihom ikun miftuħ dak il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera;

(ii) l-għadd ta' ħaddiema jew assistenti awżiljari kwalifikati b'mod speċjali;

(d) Deskrizzjoni tat-tagħmir u l-bini disponibbli biex jitwettqu -

(i) Il-verifika dokumentarja,

(ii) Il-verifika fiżika,

(iii) It-teħid ta' kampjuni, it-testijiet ġenerali stabbiliti fir-regolament 4(2)(b),

(iv) It-testijiet speċifiċi ordnati mill-veterinarju uffiċjali;

(e) Il-kapaċità tal-bini disponibbli biex jitqiegħdu fiħ annimali, meta meħtieġ sakemm joħorġu r-riżultati tat-test;

(f) In-natura tat-tagħmir li jippermetti skambju rapidu ta' informazzjoni, b'mod partikolari ma' postijiet oħra ta' spezzjoni fuq il-fruntiera;

(ġ) Il-volum tal-kummerċ (tipi u kwantitajiet ta' annimali li jgħaddu minn dan il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera).

(4) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għandhom isaqsu lill-Kummissjoni Ewropeja biex flimkien mal-Servizzi Veterinarji ta' Malta jispezzjonaw, il-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera mħarġa skond is-sub-regolament (3). Dan għandu jseħħ sabiex il-Kummissjoni tara li ir-regoli dwar l-ispezzjonijiet veterinarji qed jiġu segwiti b'uniformita u li dawn il-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandhom l-infrastruttura neċessarja u li jaqdu ir-rekwiżiti minimi mniżżla taħt l-Iskeda A.

(5) Il-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera f' Malta li jiġu approvati huma dawk imniżżla fil-lista ta' postijiet ta' spezzjoni approvati, u kull bidla sussegwenti, għandha tiġi publikata mill-Kummissjoni Ewropea fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Animali li ma għandhomx jitqegħdu fuq is-suq Malti u li huma destinati għal Stat Membru ieħor

7. (1) Meta annimali ta' speċi li għalihom ir-regoli ta' importazzjoni jkunu ġew armonizzati mir-regoli tal-Komunita Ewropeja, ma jitqiegħdux għall-bejgħ fit-territorju ta' Malta iżda d-destinazzjoni finali tagħhom hija Stat Membru ieħor, il-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandu, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet speċifiċi applikabbli għal *equidae* reġistrati u akkumpanjati mid-dokument ta' identifikazzjoni provdut permezz tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/427/EEC -

(a) Jipprovdi lill-persuna konċernata b'kopja jew, jekk il-kunsinna tkun inqasmet, diversi kopji li jkunu awtentikati individwalment, taċ-ċertifikati oriġinali dwar l-annimali; il-perjodu ta' validità ta' dawn il-kopji għandu jkun ta' mhux aktar minn 10 ijiem,

(b) Joħroġ ċertifikat li jaqbel mal-mudell imfassal mill-Kummissjoni Ewropea li jiċċertifika li l-verifiki riferiti fir-regolament 4(1) u (2) (a) (b) u (d) jkunu twettqu għas-sodisfazzjon tal-veterinarju uffiċjali, u jispeċifika n-natura tal-kampjuni li jkunu ttieħdu u r-riżultati ta' kull test fil-laboratorju, jew meta jkunu mistennija dawk ir-riżultati,

(ċ) Iżomm iċ-ċertifikat jew ċertifikati oriġinali li jakkumpanjaw l-annimali.

(2) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sotto-regolament (1) skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u imwettqa taħt il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16 (2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(3) Darba l-annimali jkunu għaddew minn post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, il-kummerċ fl-annimali riferiti fis-sub-regolament (1) u l-permess li jidħol fit-territorju ta' Malta u it-territorji mniżżla fl-Anness I tad-Direttina tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

97/78/EC għandu jsir skond ir-regoli għal verifiki veterinaji stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC. B'mod partikulari, l-informazzjoni ta' l-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni ta' L-Istat Membru mogħtija permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni komputerizzata ANIMO, trid tispeċifika jekk -

(a) L-annimali jkunux maħsuba għal-Istat Membru jew għal żona ta' dan l-Istat Membru li jkollha ħtiġiet speċifiċi,

(b) Ittieħdux kampjuni iżda r-riżultati ma jkunux magħrufa meta l-mezz ta' trasport iħalli l-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

(4) (a) Meta annimali ta' speċi li għalihom ir-regoli ta' importazzjoni jkunu ġew livell mar-regoli tal-Komunita Ewropea, ma jitqiegħdux fuq is-suq fit-territorju ta' l-Istat Membru li jwettaq il-verifiki riferiti fir-regolament 4, iżda fit-territorju ta' Malta, is-Servizz Veterinarju għandu jkun provdut bi -

(i) Kopja jew, jekk il-kunsinna ta' l-annimali tinqasam, diversi kopji awtentikati individwalment taċ-ċertifikati oriġinali dwar l-annimali, il-perjodu tal-validità ta' dawn il-kopji ma għandux ikun ta' iktar minn 10 ijiem,

(i) Ċertifikat li jaqbel ma' l-eżempji deskritti fir-regolament 7(1)(b) li jiċċertifika li l-verifiki riferiti fir-regolamenti 4(1) u (2)(a) (b) u (d) twettqu għas-sodisfazzjon tal-veterinarju uffiċjali, u jispeċifika x-xorta tal-kampjuni li jkunu ttieħdu u r-riżulatati ta' kull test fil-laboratorju, jew meta huma mistennija joħorġu dawk ir-riżultati,

(b) Regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sub-regolament (4)(a) għandhom ikunu adottati skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(ċ) Ġaladarba l-annimali jkunu għaddew minn post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, il-kummerċ fl-annimali riferiti fis-sub-regolament (4)(a) u permessi fit-territorju ta' Malta u fit-territorji mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC, għandhom jitwettqu skond ir-regoli għal verifiki veterinarji stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC. B'mod partikolari, l-informazzjoni lis-Servizz Veterinarju għandha tingħata permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni komputerizzata ANIMO u għandha tispċifika jekk -

(i) Annimali jkunux maħsuba għal fondi ta' destinazzjoni li jkollhom ħtiġiet speċifiċi,

(ii) Ikunux ittieħdu kampjuni iżda r-riżultati ma jkunux magħrufa meta l-mezz ta' trasport jitlaq mill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Verifiki veterinarji fuq l-importazzjoni ta' annimali ta' speċi li mhijiex mniżżla fl-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC

8. Fit-teritorju ta' Malta -

(1) Jitwettqu verifiki veterinarji fuq importazzjonijiet ta' annimali ta' speċi mhux koperti bi Skeda A tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC, skond id-disposizzjonijiet li ġejjin –

(a) Meta annimali jkunu preżentati direttament f'wieħed mill-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera sabiex ikunu impurtati fit-territorju ta' Malta, għandhom jgħaddu mill-verifiki kollha f'dak il-post provduti fir-regolament 4;

(b) Meta annimali jkunu preżentati f'post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera sabiex ikunu importati fi Stat Membru, bi ftehim minn qabel ma' dan ta' l-aħħar –

(i) jew jitwettqu l-verifiki kollha riferiti fir-regolament 4 f'dak il-post għannom ta' l-Isħab Membru tad-destinazzjoni sabiex, b'mod partikolari, jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali ta' dan ta' l-aħħar, ġew segwiti,

(ii) jew, fil-każ ta' ftehim bejn is-Servizz Veterinarju u l-awtorità ċentrali kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni, u fejn xieraq, dawk ta' l-Istat Membru jew Stati Membri ta' tranżitu, għandhom jitwettqu biss f'dak il-post, il-verifiki provduti fir-regolament 4(1); f'liema każ il-verifiki provduti fir-regolament 4(2) għandhom jitwettqu mill-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Madanakollu, f'dan l-aħħar każ, l-annimali jistgħu biss iħallu l-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fejn tkun twettqet il-verifika dokumentarja u l-verifika ta' identità f'mezz ta' trasport li jkun siġillat u biss wara li l-veterinarju uffiċjali -

- ikun indika fuq il-kopja, jew, meta l-kunsinna tkun inqasmet, fuq il-kopji taċ-ċertifikati oriġinali, li l-annimali jkunu għaddew minn hemm u li tkun twettqet il-verifika,

- ikun informa, permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni komputerizzata ANIMO, lill-awtorità veterinarja tal-post ta' destinazzjoni, jew, meta xieraq, ta' l-Istat Membru jew ta' l-Istati Membri ta' tranżitu, li l-annimali jkunu għaddew minn hemm,

- minkejja r-regolament 3(1)(ċ), ikun ta l-permess għar-rilaxx lill-awtorità kompetenti tad-dwana tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, dwar l-annimali preżentati. Fil-każ ta' annimali maħsuba għall-qatla, is-soluzzjoni mfassla f'(i) biss hija valida;

(2) Sakemm jiġu adottati d-deċiżjonijiet speċifiċi misjuba taħt ir-regoli tal-Komunita Ewropea, annimali li l-kummerċ tagħhom ġie armonizzat mar-regoli tal-Kommunita Ewropea iżda li jiġu minn pajjiż terz li għalih ma jkunux ġew stabbiliti kundizzjonijiet uniformi ta' saħħa ta' l-annimali, għandhom ikunu importati kif soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin -

(a) għandhom jkunu baqgħu fil-pajjiż terz li jibgħat ta' l-anqas tul il-perjodi provduti fl-artikolu 10(1) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/462/EEC.

(b) għandhom jgħaddu minn verifiki provduti fir-regolament 4 jew fil-każ ta' introduzzjoni minn post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fi Stat Membru ieħor, il-verifiki provduti fl-artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/496/EEC;

(ċ) Ma jistgħux jitilqu mill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew ċentru ta' kwarantina sakemm dawn il-verifiki ma jurux li l-annimali jew il-kunsinna ta' l-annimali –

(i) jew, mingħajr preġudizzju għal ħtiġiet speċifiċi applikabbli għall-pajjiżi terzi konċernati dwar mard estranju għat-territorju ta' Malta u għat-territorju ta' l-Istati Membri oħra, huma konformi mal-ħtiġiet ta' saħħa ta' l-annimali applikabbli fil-kummerċ ta' l-ispeċi konċernati kif imfisser fil-leġislazzjoni veterinarja riferita fi Skeda A tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC jew mal-ħtiġiet ta' saħħa ta' l-annimali stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 72/462/EEC;

(ii) jew, dwar marda waħda speċifika jew aktar, jilħqu l-kundizzjonijiet ta' ekwivalenza rikonoxxuti, skond il-ftehim internazzjonali, fuq il-bażi ta' reċiproċità, bejn il-ħtiġiet tal-pajjiż terz u dawk tal-Komunita Ewropea–

- jekk huma maħsuba għal fond fit-territorju ta' Malta li jibbenefika mill-garanziji addizzjonali, kif imniżżel fl-artikolu 3 (1)(e)(iii) u (iv) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 90/425/EEC jew jekk huma meqjusa għal Stat Membru li jibbenefika minn garanziji addizzjonali kif misjub taħt l-artikolu 3(1)(e)(iii) u (iv) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 90/425/EEC, għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet relevanti;

- wara li jkunu għaddew minn post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, iridu, fil-każ ta' annimali għall-qatla, jitwasslu sal-biċċerija tad-destinazzjoni, jew, fil-każ ta' annimali għat-tnissil u għall-produzzjoni jew ta' annimali ta' l-akwakultura, jitwasslu sal-fond ta' destinazzjoni;

(3) Jekk il-verifiki provduti fis-sub-regolament (1) u (2) juru li l-annimal jew il-kunsinna ta' l-annimali mhumiex konformi mal-ħtiġiet imniżżla fihom, l-annimal jew il-kunsinna ma jistgħux jitilqu mill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jew iċ-ċentru ta' kwarantina, u għandu japplika r-regolament 12;

(4) (a) Fejn l-annimali riferiti fis-sub-regolament (1) mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu għall-bejgħ fit-territorju ta' Malta, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 7, u b'mod partikulari dawk dwar il-ħruġ taċ-ċertifikat;

(b) Meta l-annimali riferiti fis-sub-regolament (1) huma maħsuba biex jitqiegħdu għall-bejgħ fit-territorju ta' Malta mill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' Stat Membru ieħor li wettaq il-verifiki veterinarji, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 7(4) speċjalment dawk li japplikaw għal ħrug taċ-ċertifikat.

(5) Fil-post ta' destinazzjoni fit-territorju ta' Malta, annimali għat-tnissil u għall-produzzjoni għandhom jibqgħu taħt is-superviżjoni uffiċjali tas-Servizz Veterinarju. Wara perjodu ta' osservazzjoni li għandu jkun determinat skond ir-regoli tal-Komunita Ewropeja u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, l-annimali jistgħu jkunu kummerċjati fi kummerċ intra-kommunitarju, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC.

Annimali għall-qatla għandhom ikunu soġġetti, fil-biċċerija ta' destinazzjoni, għar-regoli dwar il-qtil ta' l-ispeċi konċernati.

(6) Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom ikunu adottati, skond il-ħtieġa, kif imniżżel fir-regoli tal-Kommunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Awtorizazzjoni minn Malta għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor

9. (1) Malta għandha tawtoriżża t-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor kemm-il darba -

(a) dan it-tranżitu ikun ġie awtoriżżat minn qabel mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' Malta fejn l-annimali jridu jkunu preżentati sabiex hemmhekk isirulhom il-verifiki provduti fir-regolament 4, u mis-Servizz Veterinarju.

(b) Il-parti konċernata tissuplixxi prova li l-ewwel pajjiż terz li fih ser jintbagħtu l-annimali, wara tranżitu mit-territorju ta' Malta jew wieħed mit-territorji mniżżla taħt l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 97/78/EC, jobbliga ruħu li taħt l-ebda ċirkustanza ma jirrifjuta jew jibgħat lura l-annimali, li l-importazzjoni jew it-tranżitu tagħhom ikun awtorizza u jobbliga ruħu li jkun

konformi, fit-territorju ta' Malta u f'wieħed mit-territorji mniżżla taħt l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 97/78/EC, ma' regoli tal-Komunita Ewropea dwar il-protezzjoni matul il-ġarr;

(ċ) Il-verifika riferita fir-regolament 4 turi għas-sodisfazzjon tal-veterinarju, jekk applikabbli wara li l-annimali jkunu għaddew minn ċentru ta' kwarantina, li l-annimali jilħqu l-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew, fil-każ ta' annimali riferiti fl-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC, li joffru garanziji ta' saħħa rikonoxxuti mill-Komunita Ewropea, ta' l-anqas li huma ekwivalenti għal ħtiġijiet tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/496/EEC;

(d) Il-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jinnotifika l-fatt li l-annimali jkunu għaddew lill-awtorita kompetenti ta' l-Istat Membru jew Stati Membri ta' tranżitu u ta' post ta' fruntiera ta' ħruġ, permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni ANIMO.

(e) Fil-każ li jgħaddu minn post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' Malta, mit-territorju ta' Malta u post ta' spezzjoni ta' ħrug, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri ta' tranżitu u ta' post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' ħruġ, għandhom ikunu infurmati permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni komputerizzata ANIMO. B'żieda, dan it-tranżitu jitwettaq skond il-proċedura ta' tranżitu tad-dwana (tranżitu estern) u taħt kull proċedura ta' tranżitu tad-dwana provduta taħt regoli tal-Kommunita Ewropea; l-uniku maneġġar awtorizzat matul it-tranżitu għandu jkun dak li jitwettaq fil-punt tad-dħul fit-territorju ta' Malta jew il-ħruġ minn wieħed mit-territorji provdut fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC u l-operazzjonijiet biex jiżguraw il-ħarsien ta' l-annimali.

(2) L-infieq kollu li jsir skond dan ir-regolament għandu jitħallas mill-kunsinnatarju, il-kunsinnatur jew ir-rappreżentant tagħhom, mingħajr kumpens mill-Istat.

Kwarantina jew iżolament ta' annimali ħajjin

10. (1) Fil-każijiet fejn ir-regoli veterinarji tal-Komunita Ewropea jew ir-regoli nazzjonali tal-post ta' destinazzjoni, f'żoni li ma ġewx soġġetti għal armonizzazzjoni tal-Kommunita Ewropeja u skond ir-regoli ġenerali tal-Komunita Ewropea fuq il-Kummerċ, jipprovdu li annimali ħajjin jitqiegħdu fi kwarantina jew iżolament, din il-kwarantina jew iżolament tista' sseħħ -

(a) Għal marda li mhix il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, rabbja u l-marda *Newcastle,* f'ċentru ta' kwarantina li jkun jinsab fil-pajjiż terz ta' oriġini, kemm-il darba dan ikun ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea u spezzjonat regolarment mill-esperti veterinarji;

(b) Fiċ-ċentru ta' kwarantina li jkun jinsab fit-territorju ta' Malta, li jilħaq il-ħtiġijiet stabbiliti fi Skeda B, jew f'wieħed mit-territorji mniżżel f'Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC, li tilqa ir-rekwiżiti mniżżla fl-Iskeda B.

(ċ) Fuq il-fond ta' destinazzjoni.

Salvagwardji speċjali li għandhom ikunu segwiti matul il-ġarr bejn ir-razzett li jservi ta' ċentru ta' kwarantina ta' oriġini u ta' destinazzjoni u l-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u fiċ-ċentri ta' kwarantina riferiti f' (1)(a) hawn fuq jistgħu jkunu stabbiliti skond il-proċedura provduta fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(2) Jekk il-veterinarju uffiċjali responsabbli mill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jordna t-tqegħid fil-kwarantina, dik il-kwarantina trid isseħħ, jiddependi mid-dijanjożi ta' riskju mill-veterinarju uffiċjali –

(a) Jew fis-sit ta' spezzjoni nniffsu jew fil-viċinanza immedjata tiegħu;

(b) Jew fuq il-fond ta' destinazzjoni;

(c) Jew f'ċentru ta' kwarantina li jkun jinsab fil-viċinanza tal-fond ta' destinazzjoni.

(3) Il-kundizzjonijiet ġenerali li għandhom jiġu segwiti għal ċentri ta' kwarantina riferiti fis-sub-regolament (1)(a) u (ċ) huma mniżżla fi Skeda B. Il-kondizzjonijiet speċjali ta' approvazzjoni li japplikaw għal speċi differenti ta' annimali għandhom ikunu adottati skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u mplimentati skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(4) Ir-rekwiziti tal-Kommunita Ewropeja jridu jkunu segwiti għall-approvazzjoni u it-taħriġ tal-lista taċ-ċentri ta' kwarantina misjuba taħt is-sub-regolament (1)(a) u (b) u is-sub-regolament (2)(a). Ċentri ta' kwarantina għandhom ikunu soġġetti għall-ispezzjoni provduta fir-regolament 19.

Is-Servizz Veterinarju għandu jppubblika l-lista ta' ċentri ta' kwarantina u kull aġġornament sussegwenti fil-Gażżetta tal-Gvern ta' Malta.

(5) Is-sotto-regolament (1)(b) u s-sotto-regolamenti (3) u (4) ma għandhomx japplikaw għal ċentri ta' kwarantina li jeżistu biss għall-annimali riferiti fir-regolament 8(1), annimali ta' speċi mhux koperti bl-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC.

(6) L-infieq kollu li jsir minħabba dan ir-regolament għandu jitħallas mill-kunsinnatarju, il-kunsinnatur jew ir-rappreżentant tagħhom mingħajr kumpens mill-Istat.

Fejn ikun hemm suspett li l-legislazzjoni veterinarji mhux qed tiġi mħarsa

11. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-kapitolu, il-veterinarju uffiċjali jew is-Servizz Veterinarju għandhom, meta jkun hemm suspett li ma tkunx ġiet segwita l-leġislazzjoni veterinarja jew li hemm dubju dwar l-identita ta' xi annimal, iwettqu kull verifika li huma jqisu xierqa.

(2) Għandhom jittieħdu l-miżuri amministrattivi jew penali xierqa skond il-proċedura stabbilita f'Parti IX ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, sabiex jiġi penaliżżat kull ksur tal-leġislazzjoni veterinarja minn persuni naturali jew legali, meta jinstab li dawn ir-regoli tal-Komunita Ewropea jkunu nkisru, b'mod partikulari fejn jinstab li ċ-ċertifikati jew dokumenti mfassla ma jikkorrispondux ma' l-istat attwali ta' l-annimali, li l-marki ta' identifikazzjoni mhumiex konformi ma' dawk ir-regoli jew li l-annimali ma kienux preżentati għal spezzjoni f'post tal-fruntiera jew li l-annimali għadhom ma ntbagħtux fid-destinazzjoni maħsuba oriġinarjament.

Verifiki li juru li l-annimal ma jissodisfax ir-rekwiżiti mniżżla taħt ir-regoli tal-Komunita Ewropea

12. (1) Meta l-verifiki riferiti f'dawn ir-regolamenti juru li annimal ma jissodisfax il-ħtiġijiet stabbiliti fir-regoli veterinarji tal-Komunita Ewropea jew fuq kwistjonijiet li għadhom mhumiex armonizzati mar-regoli tal-Kommunita Ewropeja, fir-regoli nazzjonali, jew meta dawn il-verifiki juru xi irregolarità, is-Servizz Veterinarju, wara li jikkonsulta ma' l-importatur jew mar-rappreżentant tiegħu, għandu jiddeċiedi jew -

(a) Li jagħti kenn, jitma' u jisqi u, fejn meħtieġ, jikkura l-annimali; jew

(b) Skond il-każ, iqiegħdhom fi kwarantina jew jiżola l-kunsinna;

(ċ) F'limitu ta' żmien li għandu jistfassal mis-Servizz Veterinarju, jibgħat lura l-kunsinna ta' l-annimali 'l barra mit-territorju ta' Malta u wieħed mit-teritorji

mniżżel taħt l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC meta l-ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali jew tal-ġid ta' l-annimali hekk jippermettu.

F'dan il-każ, il-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera jrid -

(i) jinforma lill-Istati Membri l-oħra billi jattiva l-proċedura ta' l-informazzjoni misjuba taħt ir-regolament 4 (1)(d);

(ii) taħt arranġamenti li għandhom ikunu definiti skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u l-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, jikkanċella ċ-ċertifikat jew dokument veterinarju li jakkumpanja l-kunsinna rifjutata.

Jekk ma jkunx possibbli li kunsinna tintbagħat lura, b'mod partikulari għal raġunijiet ta' harsien xieraq ta' l-annimali, il-veterinarju uffiċjali -

(iii) jista', wara ftehim mas-Servizz Veterinarju u wara spezzjoni *ante-mortem*, jawtoriżża l-qtil ta' l-annimali għall-konsum uman taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli veterinarji tal-Komunita Ewropea,

(iv) irid, inkella, jordna l-qatla ta' l-annimali għal skopijiet li mhumiex ta' konsum uman jew jordna d-distruzzjoni tal-karkassi, waqt li jispeċifika l-kundizzjonijiet dwar il-kontroll ta' l-użu tal-prodotti miksuba. Is-Servizz Veterinarju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea dwar każi fejn ikun sar rikors għal dawn id-derogi skond sub-regolament (4).

(2) L-impurtatur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż li jsiru biex jittieħdu l-miżuri provduti fis-sub-regolament (1), il-proċess tal-qerda tal-kunsinna jew l-użu tal-laħam għal skopijiet oħra. Il-qliegħ mill-bejgħ tal-

prodotti riferiti fis-sub-regolament (1)(ċ)(iii) irid imur għand is-sid ta' l-annimali jew ir-rappreżentant tiegħu, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż imsemmija hawn qabel.

(3) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, skond il-bżonn, skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(2) u (4) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(4) Il-proċedura ta' informazzjoni misjuba taħt ir-regolament 4(1)(d) għandha tkun attivata.

(5) Is-Servizz Veterinarju għandu, meta xieraq, jikkomunika kull informazzjoni għad-disposizzjoni tiegħu skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Proċedura għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni

13. Għall-għanijiet ta' twettieq tal-verifiki riferiti fir-regolamenti 7(3) u 7(4) ta' dawn ir-regolamenti, l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni provduti fl-artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/425/EEC iridu, ħlief fil-każ ta' annimali għall-qatla u għal *equidae* reġistrati, jitwettqu fil-post ta' destinazzjoni ta' l-annimali, meta xieraq, wara l-perjodu ta' osservazzjoni provdut fir-regolament 8(5) ta' dawn ir-regolamenti.

Il-proċeduri biex ikunu identifikati u mmarkati annimali għall-qatla għandhom ikunu determinati skond ir-rekwiżiti tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura provduta fl-artikolu 16(2) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Miżata għall verifiki veterinarji u ta' saħħa

14. Għandha tinġabar miżata għall-verifiki veterinarji u ta' saħħa meta l-annimali riferiti f'dan ir-regolament ikunu importati, skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 96/23/EEC u l-artikolu 20 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Proċedura għall-verifiki li ma humiex frekwenti

15. Skond il-proċedura stabbilita fir-regoli tal-Komunita Ewropea, frekwenza inqas ta' verifiki ta' identità, u, jew verifiki fiżiċi jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-kontrolli dwar konformità mal-ħtiġiet ta' ġid ta' l-annimali matul il-ġarr, ikunu applikati taħt ċerti kundizzjonijiet, u b'mod patikulari fid-dawl tar-riżultati ta' verifiki li jkunu diġà twettqu.

Drittijiet ta' appell

16. Drittijiet ta' appell eżistenti fil-liġijiet fis-seħħ f'Malta minn deċiżjonijiet tas-Servizz Veterinarju ma għandhomx ikunu milqutin b'dawn ir-regolamenti.

Deċiżjonijiet meħuda mis-Servizz Veterinarju fid-destinazzjoni u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu notifikati lill-impurtatur konċernat jew lir-rappreżentant tiegħu.

Jekk l-impurtatur konċernat jew ir-rappreżentant tiegħu hekk jitlob, id-deċiżjonijiet u r-raġunijiet imsemmija għandhom jintbagħtu lilu bil-miktub bid-dettalji tad-drittijiet ta' appell li jkunu għad-disposizzjoni tiegħu skond il-liġi fis-seħħ f'Malta fejn ikun jinsab il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, u l-proċedura u l-limiti ta' żmien applikabbli.

KAPITOLU II
Disposizzjonijiet ta' Salvagwardja

Sejba ta' marda msemmija fl-Iskeda II ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji

17. (1) Jekk ifaqqgħu jew jinxterdu fit-territorju ta' pajjiż terz, marda riferita fi Skeda II ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, *zoonosis* jew marda oħra jew fenomenu ieħor li għandu mnejn jippreżenta theddida serja għas-saħħa ta' l-annimali jew għas-saħħa umana, jew jekk xi raġuni oħra serja ta' saħħa ta' l-annimali hekk tirrikjedi, b'mod partikolari fid-dawl tas-sejbiet ta' esperti veterinarji tal-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċjal

Veterinarju ewlieni jista', skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, jadotta mingħajr dewmien waħda mill-miżuri li ġejjin u, jiddependi mill-gravità tas-sitwazzjoni, jissospendi l-importazzjonijiet ġejjin mill-pajjiż terz konċernat jew minn parti minnu, u meta jkun xieraq, mill-pajjiż terz ta' tranżitu, ifassal kundizzjonijiet speċjali dwar l-annimali ġejjin mill-pajjiż kollha jew minn parti mill-pajjiż terz konċernat.

(2) Jekk waħda mill-verifiki provduti f'dawn ir-regolamenti tindika li kunsinna ta' annimali għandha mnejn tkun ta' periklu għas-saħħa ta' l-annimali jew għas-saħħa umana, l-Uffiċjal Veterinarju ewlieni għandu immedjatament jieħu dawn il-miżuri li ġejjin –

(i) Huwa għandu jikkonfiska u jeqred il-kunsinna;

(ii) Huwa għandu jinforma immedjatament lill-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' Malta, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea dwar is-sejbiet u dwar l-oriġini ta' l-annimali, skond ir-regolament 12(4).

(3) Fejn fil-każ provdut fis-sub-regolament (1), il-Kummissjoni Ewropea tieħu miżuri protettivi *ad interim* fir-rigward tal-annimali mniżżla taħt ir-regolament 9, l-Uffiċjal Veterinarju ewlieni ta' Malta għandu, skond ir-regoli tal-Kommunita Ewropeja u skond il-proċedura ta' l-artikolu 16(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, jimplimenta għal Malta l-istess miżuri bla dewmien.

(4) Fil-każ fejn is-Servizzi Veterinarji informa il-Kummissjoni Ewropea uffiċjalment dwar il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' salva gwardja u li l-Kummissjoni ma semmitx sub-regolamenti (1) u (3) jew ittardjat id-deċiżjoni minħabba regoli ta' proċedura, l-Uffiċjal Veterinarju ewlieni ta' Malta jista jieħu miżuri prottettivi fuq l-annimali in kwistjoni. Fejn il-Veterinarju Uffiċjali ewlieni ta' Malta jieħu dawn il-miżuri

protettivi, *ad interim*, fir-rigward ta' pajjiżi terzi skond ma hemm f'dan il-paragrafu, għandu jinforma l-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni skond ir-regolament 12(5).

(5) Fejn deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li jestendu, jemendaw jew jirtiraw miżuri deċiżi skond is-sotto-regolamenti (1), (2), (3) u (4), il-Veterinarju Uffiċjali ewlieni ta' Malta għandu, skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-procedura stabbilita fl-artikolu 16(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, jimplimenta għal Malta l-istess miżuri bla ebda dewmien.

(6) Għandhom ikunu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, meta jinħass il-bżonn, skond ir-regoli tal-Komunita Ewropea u skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 16(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

KAPITOLU III
SPEZZJONI

Verifika tal-postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera

18. (1) Esperti veterinarji mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu, flimkien mas-Servizz Veterinarju jivverifikaw li l-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati skond ir-regolament 6 u ċ-ċentri ta' kwarantina approvati skond ir-regolament 10 jissodisfaw il-kriterji elenkati rispettivament fi Skedi A u B.

Access bħalma jsibu l-uffiċjali ta' l-awtorita kompetenti għandu jiġi mogħtija lill-persuni kkonċernati, flimkien ma informazzjoni u dokumentazzjoni, kif ukoll access għall-postijiet, stabbilimenti, installazjonijiet u mezzi ta' trasport sabiex il-verifiki jkunu jistgħu jseħħu.

(2) Is-Servizz Veterinarju għandu jipprovdi lil dawn l-esperti veterinarji b'kull għajnuna li jistgħu jinħtieġu fil-qadi ta' dmirijiethom.

Verifiki magħmula fejn l-annimali jiġu mibjugħa

19. Meta fuq il-bażi tal-verifiki mwettqa fil-post fejn l-annimali jinbiegħu, is-Servizz Veterinarju jikkunsidra li d-disposizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dawn ir-regolamenti m'humiex qegħdin jiġu segwiti f'post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' Stat Membru ieħor, huwa għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtorità nazzjonali kompetenti ta' dak l-Istat Membru mingħajr dewmien.

Jekk is-Servizz Veterinarju jemmen li l-miżuri mhumiex biżżejjed huwa għandu jeżamina, flimkien ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru in kwistjoni, il-mod u l-mezz kif is-sitwazzjoni tista' tkun rimedjata, meta meħtieġ, billi jżur lill-Istat Membru in kwistjoni.

Meta l-verifiki riferiti fl-ewwel sotto-paragrafu juru ripetutament li ma hemmx konformità ma' dawn id-disposizzjonijiet, is-Servizz Veterinarju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropeja u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

Is-Servizz Veterinarju jista' jintensifika l-verifiki fuq annimali ġejjin minn dawn is-sorsi. Fil-kuntest ta' dan il-paragrafu, u fil-każ fejn Malta hija l-Istat Membru fejn huwa kkunsidrat li d-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 91/496/EEC mhix qed tiġi osservata fi post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera, is-Servizzi Veterinarji għandhom japplikaw il-miżuri meqjusa mill-Istat Membru inkwistjoni.

Programme għal-iskambju ta' uffiċjali

20. Is-Servizz Veterinarju għandhu jipprovdi program għall-iskambju ta' uffiċjali li huma mgħotija s-setha li jagħmlu verifiki fuq annimali ġejjin minn pajjiżi terzi. Dan għandu jkun ikkordinat mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri.

(2) Is-Servizzi Veterinarji għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji li jawtoriżżaw l-implimentazzjoni tal-programmi li jirriżultaw mill-ko-ordinazzjoni mniżżla fir-regolament (1).

(3) Kull sena, l-implimentazzjoni ta' programmi għandha tiġi mħarsa fuq il-bażi ta' rapporti mħejjija mill-Istati Membri.

(4) Is-Servizzi Veterinarji għandha tieħu akkont ta' l-esperjenza miġjuba sabiex dawn il-programmi ta skambju jiżviluppaw u jsiru aħjar.

SKEDA A
Kondizzjonijiet ġenerali għall-approvazzjoni ta' post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Sabiex jiksbu approvazzjoni, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandu ikollhom -

1) Mogħdija ta' aċċess dedikata għall-ġarr ta' annimali ħajjin sabiex l-annimali ma jitħallewx jistennew għalxejn;

2) Faċilitajiet (li jridu jkunu faċli biex jitnaddfu u jkunu diżinfettati) għat-tagħbija u l-ħatt tal-mezzi ta' trasport differenti, l-ispezzjoni, l-għalf, it-tisqija u t-trattament ta' l-annimali, bi spazju, dawl u ventilazzjoni adegwati għall-għadd ta' annimali li se jkunu spezzjonati;

3) Għadd suffiċjenti, f'relazzjoni għall-għadd ta' annimali li ġew trattati fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, ta' ħaddiema veterinarji u awżiljarji mħarrġa b'mod speċjali biex iwettqu verifiki fuq id-dokumenti li jakkumpanjaw u l-verifiki kliniċi riferiti fir-regolamenti 4, 5, 9 u 11 ta' dawn ir-regolamenti;

4) bini kbir biżżejjed għad-disposizzjoni tal-ħaddiema responsabbli biex iwettqu verifiki veterinarji, inklużi l-kmamar fejn wieħed jbiddel, doċċi u toilets;

5) bini u faċilitajiet xierqa biex jittieħdu u jkunu proċessati l-kampjuni għall-verifiki ta' rutina stabbiliti fir-regoli veterinarji;

6) is-servizzi ta' laboratorju speċjaliżżat li jkun kapaċi jwettaq testijiet speċjali fuq il-kampjuni meħuda fil-post;

7) is-servizzi ta' impriża fil-viċinanza immedjata li jkollha l-faċilitajiet u t-tagħmir biex iżżomm, titma', tisqi, tikkura u , jekk ikun meħtieġ, toqtol l-annimali;

8) meta dawn il-postijiet iservu bħala postijiet ta' waqfien jew ta' trasferimenti ta' l-annimali matul il-ġarr, faċilitajiet adatti biex jinħattu l-annimali, jkunu mitmugħa, misqija, miżmuma sew meta meħtieġ u mogħtija l-kura meħtieġa jew jekk meħtieġ, biex jinqatlu fuq il-post b'mod li jkunu evitati sofferenzi mhux meħtieġa;

9) tagħmir xieraq li jippermetti l-iskambju rapidu ta' informazzjoni ma' postijiet oħra ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u l-awtoritajiet veterinarji l-oħra permezz tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni komputerizzata ANIMO;

10) tagħmir u faċilitajiet għat-tindif u diżinfettar.

SKEDA B
Kundizzjonijiet ġenerali għall-approvazzjoni ta' ċentri ta' kwarantina

1. Għandhom japplikaw il-ħtiġijiet ta' Skeda A, punti 2, 4, 5, 7, 9 u 10.

2. B'żieda, ċentri ta' kwarantina għandhom -

- jitqiegħdu taħt il-kontroll permanenti u taħt ir-responsabilità tal-veterinarju uffiċjali,

- jkunu jinsabu 'l bogħod minn fondi jew postijiet oħra fejn l-annimali jinżammu li għandhom mnejn ikunu nfettati b'mard li jittieħed,

- ikollhom sistema ta' kontroll effiċjenti sabiex jiżguraw sorveljanza adegwata ta' l-annimali.